# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 228/2017**

Il-Pulizija

vs

**Enas Sobhy Zaky Attia Casha**

detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 36478(A)

Illum, 15 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Enas Sobhy Zaky Attia Casha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-4 ta' Frar, fil-11 ta' Frar u fit-18 ta' Frar, 2017 irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Samir Lotfi Fahim Tawdrous, hekk kif ordnata mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-

artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata hatja tal-akkuza kif dedotta u illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanta Enas Sobhy Zaky Attia Casha pprezentat fit-2 ta’ Mejju, 2017 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka fl-intier taghha s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizijia v. Enas Sobhy Zaky Attia Casha tal-24 ta' April, 2017 fejn giet liberata taht l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi kull meta jigi ordnat access taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg, hija l-Agenzija li tikkuntattja l-partijiet biex tiftiehem maghhom min ser tkun is-social Worker u kif jigi ezercitat l-access. F'dan il-kaz fil-granet imsemmija fl-akkuza la l-appellanta u l-anqas l-Appogg ma kienu jafu li l-kwerelanti kien inghata d-dritt li jaccedi ghat-tfal minkejja li l-kawza civili ta' paternita' ghadha ma gietx deciza.

Illi din is-sitwazzjoni giet korroborata bix-xhieda tas-social worker tal-Appogg kif ukoll mill-pulizija li ha r-rapport (PC299) li jghid fl-affidavit tieghu li l-kwerelant ghamel rapport wiehed ghat-tliet ijiem in kwistjoni fil-21 ta' Frar, 2017, u cioe' l-ghada li gew notifikati l-Appogg.

Illi ghalhekk kien hemm raguni xierqa ghalxiex Samir Tawdrous ma nghatax access ghall-minuri imsemmija, u dik ir-raguni ma kinitx ta' ebda htija da parti tal-appellanta.

Ghal dawn il-motivi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka fl-intier taghha s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizijia vs Enas Sobhy Zaky Attia Casha tal-24 ta' April, 2017 li biha hija nstabet hatja u giet liberata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat fi zmien tliet xhur, u dan billi tilliberaha mill-akkuza migjuba kontriha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti giet infurmata mill-partijiet li l-pendenzi ta' bejniethom gew risolti u ghalhekk talbu lil din il-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Enas Sobhy Zaky Attia Casha u tikkonferma s-sentenza appellata.